**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 23 ta' Lulju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 317/2024 JPG**

**Kawza nru.: 7**

**GM**

**U**

**LM**

**Vs**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 25 ta' Gunju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), ic-certifikat taz-zwieg li igib numru 1231/2020 hawn anness u mmarkat bhala Dok A1 u minn dan iz-zwieg ma kellhom ebda ulied.*

2. *Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Personali fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dr Joanne Spiteri data hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024), kopja vera tieghu tinsab annessa u hija mmarkata bhala Dok A2.*

3. *Illi ma hemm l-ebda manteniment li jithallas u/jew li huwa dovut bejn il-partijiet.*

4. *Illi m'hemm l-ebda prosett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom de facto mifrudin ghal numru ta' xhur u cioe' mid-data tal-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena 2023, ossia min qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' Separazzjoni fuq indikat u ghal din ir-raguni huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin..*

5. *Illi dawn il-fatti kollha jinsabu mahlufa u spjegati f'dikjarazzjoni guramentata maghmulha kemm minn GM u wkoll minn LM nee' S, liema dikjarazzjonijiet guramentati jinsabu annessi u huma mmarkati bhala Dok A3 u A4, rispettivament.*

6. *Illi dawn il-fatti kif premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Għaldaqstant u in vista ta' suespost, l-esponenti umiment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi z-zwieg bejn GM u LM nee' S li gie celebrat nhar it-tletin (30) t'Awissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg li jgib in-numru 1231/2020.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GB xehed (vide affidavit fol 12)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-30 t'Awwissu 2020 u li minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 25 t'April 2024 fl-atti tan-Nutar Dr Joanne Spiteri, izda ddikjarar illi ilhom mifrudin de facto mill-1 ta' Novembru 2023. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**LM nee' S xehdet (vide affidavit Fol 13)** u kkonfermat u kkorroborat ma dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

> ***ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 t'Awissu 2020 liema zwieg jgib certifikat numru 1231/2020 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joanne Spiteri nhar 25 t'April 2024 (Vide fol 5 et seqq.), pero' l-partijiet ilhom jghixu de facto separati mill-1 ta' Novembru 2023. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1231/2020 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**